MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Numru 250/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Joseph Sultana**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Sultanta ta' Ghal Kenn tax-Xaghri, Triq it-Tempju, Munxar, Ghawdex, fejn gie akkuzat talli nhar it-03.08.2006 ghal habta ta' 16:50 hrs fi Triq bla isem fil-Qasam tad-Djar tac-Cawla, Rabat, Ghawdex:

1. saq motorcycle numru FBA-532 b'manjera traskurata u perikoluza (Art 15(1)(a) Kap 65);
2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat bil-motorcycle tieghu ma karozza nur. KAT-406 u nvoluntarjament ikkagunalu

hsarat b'detriment ghal Carmel Sacco mir-Rabat, Ghawdex.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-12 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Joseph Sultana hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu jhallas multa ta' Euro €100.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Sultana minnu prezentat fit-30 ta' Gunju 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej:

Fit-3 ta' Awwissu 2006 ghall-habta tal-4.50 pm l-imputat appellant Joseph Sultana kien qieghed isuq il-motocikletta bin-numru FBA-532 fi Triq bla isem fil-Qasam tad-Djar tac-Cawla, Rabat, Ghawdex. Meta l-imputat wasal vicin il-kantuniera ma' Triq Anton Tabone tfaccat il-vettura KAT406 misjuqa minn Carmel Sacco, illum mejjet, minn wara l-kantuniera u z-zewg vetturi habtu flimkien.

**6.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(1) l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari li wasslu lill-imputat sabiex ikun fin-naha tal-lemin tat-triq meta sehh l-incident;

(2) Carmel Sacco ma gie misjub hati tal-incident f'ebda grad meta kien huwa li kellu jieqaf u izomm a proper *look-out* darba li kien hiereg minn *side street* ghal go *main street*.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu ridotti ghal aggravju wiehed u cioe' li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha li kellhom iwassluha jew ghar-responsabilita' unika ta' Carmelo Sacco, illum mejjet, jew ta' l-anqas l-ewwel Qorti kellha ssib li kien hemm kontributorjeta' ghall-akkadut da parti tal-istess Carmelo Sacco.
.
**8.** Fid-dawl tal-premess, hi ben stabbilita l-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn si tratta ta' apprezzament tal-provi u cioe' li din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha. F'dan is-sens, ghalhekk, huwa l-kompitu ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward.

**9.** Dwar l-ewwel aggravju tal-appellant jirrizulta ampjament li l-appellant ma ghandux ragun. Semplicement ma hux minnu li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari li wasslu lill-imputat sabiex ikun fin-naha tal-lemin tat-triq meta sehh l-incident. Di fatti, is-sentenza appellata tghid bla tlaqliq "Dak li wassal sabiex sehhet din il-kollizzjoni ghalhekk kien il-fatt illi l-imputat bil-mutur tieghu bil-fors kellu jinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta u cioe' mid-direzzjoni minn fejn kien gej Sacco sabiex jibqa ghaddej fid-dritt ghaliex dana ma setax jaghmlu minhabba l-vettura li kienet dakinhar ipparkeggjata bin-numru CBC556." Mhux hekk biss izda sahansitra l-Qorti semmiet ukoll li in parti il-konfigurazzjoni tat-triq ukoll ikkontribwiet biex isehh l-incident. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet ben konsapevoli li l-imputata ma kellux alternattiva hlief li jinvadi l-karreggjata li fiha kien isuq Carmel Sacco fuq in-naha tajba tat-triq. Dak, izda, li korrettement irrilevat l-ewwel Qorti huwa li, proprju ghaliex l-imputat kien gie kostrett isuq fuq in-naha hazina tat-triq u b'hekk jinvadi l-karreggiata ta' haddiehor, l-imputat kien obbligat li jezercita prudenza akbar fic-cirkostanzi billi jnaqqas il-velocita' u jekk mehtieg addirittura jieqaf u jkompli miexi

bil-mod il-mod sakemm ikun jista' jesplora t-traffiku li seta kien gej minn wara l-kantuniera. Ma dan l-apprezzament tal-ewwel Qorti taqbel ukoll din il-Qorti u ghalhekk dan l-ewwel aggravju tal-appellant qieghed jigi respint.

**10.** In kwantu ghat-**tieni aggravju** l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma sabet ebda negligenza kontributorja da parti ta' Carmel Sacco u rriteniet lill-imputat unikament risponsabbli tal-incident. In tema ta' negligenza kontributorja tajjeb jinghad qabel xejn li n-negligenza kontributorja tat-terz ma tezonerax lill-appellant mir-responsabbilta' tieghu ghall-incident ghaliex kif gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq sakemm ma tkunx il-kawza unika tal-incident[1]. B'danakollu din il-Qorti hi tal-fehma li verament kien hemm element ta' negligenza kontributorja da parti ta' Carmel Sacco u ghalhekk, fl-eventwalita' li din il-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant hija sejra tipprovdi ghal temperament fil-piena.

**11.** Di fatti waqt li hu minnu li Carmel Sacco kien miexi fuq in-naha korretta tat-triq jirrizulta li huwa wkoll kien gej minn wara kantuniera daqs l-imputat. Mhux hekk biss, izda minn fejn tfacca Carmel Sacco tikkostitwixxi effettivament *T junction* u f'sitwazzjoni bhal din id-dritta kienet tispetta lill-appellant li kien miexi ghad-dritt fit-triq il-minduda mentri Carmel Sacco kellu necessarjament jikser ghax-xellug jew ghall-lemin. Dan ifisser li Carmel Sacco wkoll kellu obbligu li jezercita diligenza partikolari meta gie biex johrog minn wara l-kantuniera ghal got-triq li fiha kien miexi l-appellant u huwa wkoll kellu d-dmir li jzomm *a proper look out* fic-cirkostanzi tal-kaz.

**12.** Ghaldaqstant din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jinducuha tvarja l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar ir-responsabilita' tal-appellant ghall-incident izda hi tal-fehema li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex timmitiga l-

[1] Ara *inter alia* Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Neville John Psaila**, 20 ta' Marzu 2003; **Il-Pulizija v. Stephen Zammit**, 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Robert Pace**, 11 ta' Gunju 2001.

piena imposta mill-ewwel Qorti fuq l-imputat appellant in vista tan-negiligenza kontributorja ta’ Carmel Sacco.

Ghaldaqstant tilqa’ l-appell tal-appellant Joseph Sultana in parte billi filwaqt li thassar il-piena tal-multa ta’ €100 u minflok tikkundanna lill-imputat appellant ihallas multa ta’ €70 tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------